**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 29 ta' Novembru, 2023**

Numru 12

**Appell Nru. 86/2022**

**Rose Pace**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar tas-7 ta’ Dicembru 2022 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta’ Novembru 2022 li biha laqa’ l-appell ta’ Rose Pace u iddikjara null l-avviz ta’ enforzar ECF101/15;

Rat l-atti kollha;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Dan huwa appell maghmul minn Rose Pace fil-konfront tal-Avviz 101/15 fejn inghad li l-appellant kellu zvilupp *minghajr permess fuq art skedata skond Government Notice GN*

*401/96 li jikkonsisti fi twaqqiegh ta' strutturi illegali tal-injam u bini millgdid u tkabbir tal-istess struttura bil-bricks.*

L-appellanti ghamlet is-segwenti punti;
i. Is-sit in ezami ilu zviluppat snin twal qabel ma gie skedat skond l-avviz legali AL 401/96
ii. L-Awtorita' qed tintuza minn membri tal-familja tal-appellanti sabiex issir pressjoni fuq l-appellanti
iii. L-appellanti tishaq li jekk saret din l-azzjoni fil-konfront taghha dan kellu jsir ukoll fuq l-ammont kbar ta' boathouses fl-istess sit.

L-Awtorita' qajmet eccezzjoni preliminari li l-appell kien fuori termine. Din l-eccezzjoni giet michuda b'decizjoni tas-17 ta' Dicembru 2015.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali l-appellanti ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:
i. Fl-ewwel lok l-enforcement huwa null billi ma jezisti ebda Avviz legali 401/96
ii. Illi r-rapport esibit minn Brian Borg ma kienx redatt minnu izda gie mghotti lilu mis-segretarjat tal-Awtorita'
iii. L-awtur ta' dan ir-rapport ma xehedx
iv. Brian Borg iddikjara li meta mar fuq is-sit fl-2015 kien ha ammont ta ritratti izda dawn ma gewx esebiti.
v. Illi l-boathouse ilha mibnija ghal aktar minn 40 sena.
vi. Illi x-xogholijiet li saru fuq il-boathouse saru sabiex titnehha element ta' periklu.
vii. Illi l-boathouse kollha fil-madwar huma abuzivi kif kkonfermat mill-istess xhud Brian Borg li hemm circa 900 boathouse kollha illegali.

L-Awtorita ssottomettiet:
i. Illi mill-affidavit ta' Gaetano Pace hargu elementi ta' diskrepanza fejn jghid li mar qatt fuq is-sit izda wara jghid li ghamel ix-xogholijiet hu. Dan gie ukoll ikkonfermat mill-appellanti fl-affidavit taghha.
ii. Fix-xhieda tieghu Brian Borg ikkonferma li kien mar fuq il-post u ha ritratti. Ikkonferma li l-kamra n mertu kienet twaqqghet. Sakemm hareg l-enforcement il-kamra kienet tlestiet.
iii.Ghaldaqstant hemm evidenza vasta li juru li l-boathouse kienu saru xogholijet fuqha tant li saret post residenzjali.

B'digriet tas-26 ta' Lulju 2018 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni mitluba mill-Awtorita' fl-Avviz in mertu sabiex minflok ma jidher li lavviz inhareg skond l-AL 401/96 jinbidel sabiex jidher li inhareg skond l-Avviz tal-Gvern GN 401/96.

Ikkunsidra
Mill-assiem ta' provi prodotti jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet dwar ix-xogholi li seta talvolta twettaq mill-appellanti fuq il-fond u li effetivament l-appellanti qed tuza l-istess fond bhala residenza.

It-Tribunal huwa mhasseb dwar dan l-Avviz ta' Enfurzar tenut kont tan-notorieta' ta' illegalitajiet li hemm fil-madwar. Sahansitra rappresentanti tal-Awtorita' ikkonfermaw illi hemm madwar 900 boathouse illegali fil-madwar.

F'dan il-kuntest id-dicitura tal-Avviz in mertu jrid jigi ezaminat bir-reqqa. L-Avviz jghid li:
*Ghamilt zvilupp minghajr permess fuq art skedata skond Government Notice GN 401/96 li jikkonsisti fi twaqqiegh ta struttura illegali tal-injam u bini mill-gdid u tkabbir tal-istess struttura bil-bricks.*

Ghaldaqstant l-illegalita' kienet tikkonsisti fi twaqqiegh ta' struttura illegali. Dan iqajjem punt importani. Jekk l-istruttura kienet illegal kif seta, legalment, jinhareg avviz talli persuna

waqqghet u biddlet struttura **bla permess**. Ma seta **qatt** ikollha dan ilpermess. Kif tista persuna, biex nghidu hekk, tigi akkuzata, li nehhiet struttura illegali bla permess. Ma setghet qatt tinghata dan ilpermess ta' tnehhija!

Hija l-opinjoni tat-Tribunal illi l-Avviz kif mahrug mhux legalment sostenibbli. Wara kollox din mhi xejn hlief estensjoni tal-principju legali *quod nullum est nullum producit effectum*

Ghaldaqstant l-appell huwa milqugh u l-Avviz ECF 101/15 qed jigi dikjarat null u bla effett.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellanta huma s-segwenti:

1. It-Tribunal iddecieda fuq kwistjoni li ma gietx sollevata mill-partijiet u li ma tatx opportunita lil partijiet jitrattawha biex ikollhom id-dritt tad-doppio esame;

2. Anki kieku t-Tribunal seta' jqajjem il-kwistjoni naqas milli japplika l-proviso tal-artikolu 36(1) tal-Kap. 551 li jippermetti tibdil fl-ordni biex l-avviz ikun konformi mal-ligi.

**L-ewwel aggravju**

L-Awtorita ghandha ragun f'dan l-aggravju. Minn qari tal-aggravju tal-appellata quddiem it-Tribunal ma gie rilevat ebda nullita tal-avviz izda biss nuqqas ta' gustifikazzjoni ghal hrug tieghu. Lanqas jidher li xi parti jew t-Tribunal innifsu qajjem din il-pregudizjali qabel id-decizjoni. Dan wassal biex il-partijiet ikunu rinfaccjati b'decizjoni ta' nullita tal-avviz bla ebda possibilita li jikkontrollaw il-pozizzjoni taghhom, u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u iktar li jappellaw mid-decizjoni fuq kwistjoni li hi dwar punt ta' ligi.

Dan iwassal biex l-appell jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Novembru 2022, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex iqajjem il-kwistjoni tal-

possibilita tan-nullita tal-avviz sabiex tigi trattata mill-partijiet flimkien mal-bqija tal-aggravji tal-appell li jrid jinstema mill-gdid. Spejjez ghall-appellata.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur